Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,812, 30 ta' Settembru, 2011

Taqsima B

A.L. 389 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Pharmaceutical Science) – B.Sc. (Hons) (Pharm. Sc.) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Pharmaceutical Science) – B.Sc. (Hons) (Pharm. Sc.) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Pharmaceutical Science) – B.Sc. (Hons) (Pharm. Sc.);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Pharmaceutical Science) – B.Sc. (Hons) (Pharm. Sc.); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għad-dħul fil-Kors imniżżla hawn taħt:

Għall-kors li jibda f'Ottubru 2011:

(a) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Kimika; u

(b) għaddew minn suġġett fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola u minn suġġett ieħor fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, fiż-żewġ każijiet bi Grad Ċ jew aħjar, f'żewġ suġġetti, magħżula mill-Matematika Applikata jew Pura, il-Bijoloġija, il-Computing, l-Ingliż, il-Filosofija, il-Fiżika.

Għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara:

(a) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Kimika;

(b) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar f'wieħed minn dawn is-suġġetti: il-Bijoloġija, il-Computing, l-Ingliż, il-Filosofija, il-Fiżika; u

(ċ) għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-programm ta' studju għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 240 krettu u għandu jinkludi:

(a) taħriġ teoretiku u prattiku fis-suġġetti li ġejjin:

- Plant and animal biology;
- Physics;

- General and inorganic chemistry;
- Organic chemistry;
- Analytical chemistry;
- Medicinal and pharmaceutical chemistry, including analysis of medicinal products;
- General and applied biochemistry;
- Anatomy, histology and physiology, medical terminology;
- Microbiology;
- Pharmacy Practice;
- Pharmacology and pharmacotherapy;
- Pharmaceutical technology, Pharmaceutics;
- Toxicology;
- Pharmacognosy;
- Pharmacovigilance;
- Legislation and professional ethics; u

(b) proġett dwar aspett tal-farmaċija prattika approvat mill-Bord.

6. Il-Bord jippubblika l-programm ta' studju qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess it-Tielet Sena u jiksbu 180 krettu iżda li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors li jwassal għall-Grad, jew jekk komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-grad tal-Bachelor of Science (Pharmaceutical Science) – B.Sc. (Pharm.Sc.).

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

8. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, li jingħataw piż skont il-kriterji li ġejjin:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	10%
Marka Medja tat-Tieni Sena	10%
Marka Medja tat-Tielet Sena	30%
Marka Medja tar-Raba' Sena	50%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Bachelor of Science (Pharmaceutical Science) – B.Sc. (Pharm. Sc.) - għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tliet snin tal-Kors, li jingħataw piż skont il-kriterji li ġejjin:

B 4834

Marka Medja tal-Ewwel Sena	20%
Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Marka Medja tat-Tielet Sena	60%.